## IL-KARDINAL LAVIGERIE U MALTA — (7)

# IX-XBIHA TAL-MADONNA TAL-MELLIEHA F'KARTAGNI

Minn MICHAEL GALEA

Kien wasal il-jum glorjuż li dan it-tempju Marjan jiġi mbierek. U f'dik l-okkażjoni tassew rari u storika l-Kardinal indirizza Ittra Pastorali speċjali lill-Maltin ta' Tuneż.

"Aħwa tiegħi l-aktar maħbubin, ma jistax ikun hemm ħaġa aktar għal qalbi daqs meta jiena nkun nista' nuri lilkom u lill-Gżira għażiża tagħkom dak li fil-qalb tiegħi ta' missier jiena nħoss għalikom. U dan ifisser għaliex jiena llum ninsab ferħan bil-bosta ladarba nista' nagħtikom xiehda ġdida oħra tiegħi billi stajt sa fl-aħħar intemm xewqa li ili żmien twil li għarraftkom biha.

"Kienu bosta fostkom dawk li aktar minn darba wrew is-sogħba tagħhom li hawn ġewwa t-Tuneżija ma jinsabux dawk il-ħwejjeġ hekk sbieħ tar-Reliġjon Nisranija, bħalma huma, ngħidu aħna, il-purċissjonijiet u l-pellegrinaġġi li jsiru ġewwa Malta, kif ukoll devozzjonijiet oħra għeżież."

"Lil dawn li hekk tkellmu miegħi, inwegħedhom li kont fi ħsiebni nagħmel minn kollox sabiex ix-xewqa tagħhom hekk sabiħa tiġi mitmuma; il-kelma li tajthom, jien qatt ma nsejtha. Għalhekk jiena ħadt ħsieb u staqsejt tant hawn ġewwa t-Tuneżija kif ukoll wara ġewwa Malta tagħkom, liema huma dawk il-postijiet li lejhom il-Maltin huma l-aktar miġbuda biex jagħmlu pellegrinaġġi, u sibt li l-aqwa wieħed fost dawn huwa sewwasew dak ta' Sidtna Marija tal-Mellieħa.

"Dan il-post ta' pellegrinaġġ jeħodna bil-ħsieb tagħna sa l-ewwel żmenijiet tal-bidu tal-Knisja Mqaddsa u tat-tnissil fostkom il-Maltin tar-Reliġjon Nisranija fi żmien San Pawl, dak il-kbir Appostlu li bih intom wisq bir-raġun tiftaħru li fost il-glorji tagħkom ta' l-imgħoddi, din hija l-akbar waħda, li, jiġifieri, intom sirtu wliedu permezz tal-Fidi ta' Kristu."

### ID-DEVOZZJONI LEJN IL-MADONNA TAL-MELLIEĦA

"Skond it-tradizzjoni li ġiet miġbura mill-kittieba tal-Gżira tagħkom, din id-devozzjoni lejn il-Madonna tal-Mellieħa, kellha bidu saħansitra minn meta San Pawl ġie fostkom u għammar għal xi żmien ġewwa Malta wara n-nawfraġju tiegħu, fejn, kif igħidulna dawn il-kittieba, il-kbir Appostlu wara li tkellem ma' missirijietkom fuq is-Salvatur tad-dinja, li tiegħu kien ġie jħabbrilkom il-miġja, mar ukoll ikellimkom fuq l-Omm ta' l-istess Ġesù Kristu.

"Din it-tradizzjoni tissokta tgħidilna li San Luqa, li ġie hawn flimkien ma' l-Appostlu, kif mill-bqija huwa stess igħid fl-**Atti ta' l-Appostli**, mar ipinġi x-xbiha tal-Madonna fuq il-ħajt ta' din il-grotta, fejn kien mar flimkien ma' sħabu tan-nawfraġju u kien hekk li marret titnissel il-qima lejn Sidtna Marija tal-Mellieħa.

"... Dawk fostkom li għaddew ġewwa Malta xi biċċa minn ħajja tagħhom, ċertament ġie li marru jżuru dan il-post hekk devot, u dawk li għadhom żgħażagħ u li twieldu hawn fostna ġewwa t-Tuneżija, min jaf kemm-il darba semgħuh jissemma minn missirijiethom!

"Ta' kull sena, fil-festi l-kbar tal-Madonna, u l-aktar imbagħad fil-jum tat-Twelid tagħha, qtajja' kbar ta' nies jitilqu lejn il-Mellieħa, bla xejn ma jaqtgħu qalbhom milli jibda triq li jkollhom jagħmlu; min ma jiflaħx araħ sejjer riekeb, min hu f'saħħtu jitilqilha bilmixi, u kulħadd jasal ferħan għall-aħħar ġewwa l-mixtieq u meqjum Santwarju. Hemm f'riġlejn l-altar ta' Marija huma jqiegħdu l-wegħdi u t-talb tagħhom, u minn hemm jitilqu mwettqin u mħennijin...

"U taħsbux li dan biss isir fil-festi, imma ngħidulkom li pellegrinaġġi bħal dawn huma sejrin dejjem bla ma jaqtgħu.

"... Jien ukoll kelli x-xorti li nagħmel dan id-devot pellegrinaġġ. Fl-aħħar żjara tiegħi ġewwa Malta mort jien ukoll ninviżta lill-Madonna tal-Mellieħa. Hemm jiena tlabt għalikom. Hemm jien għamilt il-fehma li nibnilha hawn ġewwa t-Tuneżija, santwarju għaliha. U issa l-fehma tiegħi temmejtha" (26).

(Jissokta fil-paġna 10)




**Kopja tax-Xbiha tal-Madonna tal-Mellieħa (xogħol tal-pittur Giuseppe Calì), li kien hemm f'Kartaġni u li llum tinsab għand il-Patrijiet Agostinjani Maltin f'La Goulette, fit-Tuneżija.**

# Ix-Xbiha tal-Madonna tal-Mellieha f'Kartagni

(Jaqbad mill-paġna 6)

**F'LA GOULETTE**

Fit-22 ta' Diċembru 1884 is-santwarju ġdid imwaqqaf mill-Kardinal Lavigerie fil-belt tal-Kartaġni, u ddedikat lill-Madonna tal-Mellieħa, ġie solennement inawgurat u mbierek u miftuħ għall-kult. Hemmhekk tqiegħdet kopja tax-xbiha ta' Sidtna Marija tal-Mellieħa, li kienet intbagħtet minn Malta u li kienet tpinġiet apposta mill-magħruf pittur Malti, il-Prof. Giuseppe Cali' (27).

B'dan il-mod ukoll isem il-Kardinal Lavigerie baqa' marbut mas-Santwarju insinji tal-Mellieħa bħalma huma ħafna l-ismijiet ta' nies eminenti fosthom kavallieri, Granmastri, isqfijiet, prelati u poplu li isimhom jixhdu d-devozzjoni lejn il-Madonna meqjuma f'dan is-santwarju antik.

Illum il-kappella ddedikata lil Sidtna Marija tal-Mellieħa f'Kartaġni qed jiehdu ħsiebha s-Sorijiet Karmelitani. Ix-xbiha tal-Madonna tal-Mellieħa kienet tinżamm mgħottija u kienet tinkixef biss f'festi solenni tal-Madonna.

Ix-xbiha ma għadhiex iżjed f'Kartaġni, iżda tinsab fil-parroċċa ta' La Goulette li jieħdu ħsiebha l-Patrijiet Agostinjani ta' Malta (28).

**(Ikompli)**

---

**NOTI**

(26) Ara: **Leħen is-Sewwa**, 8.5.1940.

(27) Loreto Vella, **Il-Madonna tal-Mellieħa**, f'**Leħen is-Sewwa**, 8.5.1940.

(28) Tagħrif mogħti lill-awtur mill-Prelatura tal-White Fathers, f'Tunes.